# Lejn iċ-Ċentinarju tal-Istatwa Titulari

*P. Joseph Cilia OFMConv. – Kappillan*

Għad m'għandna l-ebda dokument ċar dwar is-sena eżatta ta' meta Karmnu Mallia, imlaqqam il-Lhudi għamel l-istatwa titulari ta' Marija Addolorata, Patruna tal-Parroċċa tagħna. Pero' issa li nafu fiċ-ċert li qabel din l-istatwa kien hemm statwa oħra tad-Duluri, kif dejjem kien jingħad, nistgħu bejn wieħed u ieħor nistabbilixxu data. Li kellna statwa oħra qabel din li għandna issa ħareġ ċar mir-ritratt ta' din l-istatwa armata fil-Knisja Parrokkjali għall-ewwel festa fl-1905. (1) Din l-istatwa li kienet ħallset il-Markiża Anna Bugeja (2) u li kienet saret mill-iskultur Karlu Darmanin, kienet tintuża mhux biss għall-festa tituluri, li dak iż-żmien kienet issir il-Ħadd fuq il-15 ta' Settembru (3), imma wkoll kienet tintuża flimkien ma' San Ġwann waqt il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa. (4)

Il-Markiża kienet ħalliet statwa oħra lill-Parroċċa li mhix kbira fid-daqs u kienet f'niċċa għaliha fis-sagristija l-antika. Din hi statwa antika li kienet fid-dar tal-Markiża u li fl-1892 l-Arċisqof Pietru Pace ta erbgħin jum indulġenza lil min jgħid *Salve Regina* quddiemha. (5)



*Il-Knisja Parrokkjali armata għall-ewwel festa fl-1905.*
*Tidher l-ewwel statwa tad-Duluri li kellha l-Parroċċa.*

## Xogħol ta' Karmnu Mallia bil-forom ta' Karlu Darmanin

Fis-sajf tal-1979, meta Patri Dumink Bonello [6] u jien konna qegħdin narmaw għall-festa tad-Duluri, daħal fil-knisja raġel u waqaf quddiem l-istatwa tad-Duluri. Jien staqsejtu jekk togħġbux u hu qalli "dażżġur dik tal-Lhudi mir-raħal". Bdejt diskursata twila ma' dan ir-raġel li kien jismu Mikiel Bonello u kien joqgħod 250, Triq il-Vittorja, Ħal-Qormi. Dan ħa l-interess u mar ifittixli u jsaqsi lil Ċetta Cutajar li tiġi t-tifla ta' Karmnu Mallia mlaqqam il-Lhudi. [7] Din ikkonfermat li l-istatwa tad-Duluri ta' San Pawl il-Baħar ħadimha missierha. Hu staqsa wkoll lill-mara tat-tifel tal-Lhudi, Mikelina Mallia li kienet toqgħod Ħat-Attard u lis-seftura li kellu Tereża Camilleri li kienet qiegħda l-Ingieret u dawn ikkonfermaw ukoll li d-Duluri tagħna hi xogħol il-Lhudi jew aħjar tal-istatwarju Karmnu Mallia minn Ħal-Qormi. [8]



*L-istatwarju Karlu Darmanin*

F'intervista li kont għamilt fl-1980 lil Ġużeppa Micallef li kienet toqgħod il-Veċċa, qrib Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar, kienet ikkonfermatli li l-istatwa tad-Duluri hi ta' Karmnu Mallia. Tiftakar liż-żija tagħha, Karmena Micallef tistqarr dan u lil Ġanni Grima tad-Doqdi li kien mar bil-karozzin tiegħu biex iġibuha; neħħewlu ċ-ċelu minn fuq u żammewha erba' persuni. Meta Ġanni Grima u sħabu kienu ġejjin biha dan qal lil Lhudi: "Din int għamiltha?". Dak wieġbu "Iva". Ġanni qallu: "Mela ma kontx fis-sakra", għax il-Lhudi kien iħobb il-qatra. [9]



*L-istatwarju Karmnu Mallia mlaqqam "il-Lhudi" li ħadem l-istatwa preżenti tad-Duluri*

Patri Alessandru Bonnici OFMConv., fil-ktieb tiegħu *"San Pawl il-Baħar Parroċċa f'ġieħ il-Madonna tad-Duluri"* ippublikat fl-2005, f'paġni 20-21 insista li l-istatwa hi ta' Karlu Darmanin u li din kienet l-istatwa sa mill-bidu tal-parroċċa. Hu ma tax każ tal-istqarrijiet li għamlu miegħi l-persuni msemmija hawn fuq anzi kiteb li *"it-tagħrif mogħti bil-fomm wara 75 sena ma hux ta' min jorbot fuqu." Il*-kitba ta' P. Bonnici issa ġiet imxejna darba għal dejjem, jekk qatt kien hemm bżonn, bir-ritratt li ppubblika għall-ewwel darba, Patri Arthur Saliba OFMConv. fil-Ktieb tal-Festa tal-2011 tal-Knisja Parrokkjali mżejna għall-ewwel festa tal-1905 u bl-ewwel statwa armata fiha. [10]

Is-Sur Victor Caruana, espert tal-istatwi tal-kartapesta bejn id-19 u l-20 seklu jistqarr li x-xhieda li kienu tawni l-persuni msemmija hawn fuq u li twassal anke sal-qraba tal-istatwarju Mallia u.

n-nies li għenu sabiex titwassal l-istatwa f'San Pawl il-Baħar huma xhieda kredibli li Mallia huwa l-awtur tal-istatwa. [11]

Li l-istatwa hi xogħol tal-Karlu Darmanin [12] hu mpossibli billi hu miet fl-1909, erba' snin biss wara li San Pawl il-Baħar kien dikjarat parroċċa. Karmnu Mallia, imlaqqam il-Lhudi, għax kien jgħid li ma kienx hawn isbaħ mill-ilbies Lhudi billi fih ħafna lwien kuntrastanti [13] kien tgħallem is-sengħa taħt l-istwarju Karlu Darmanin u meta Darmanin miet hu xtara xi forom minn tiegħu, fosthom forom tal-uċuħ. Is-Sur Victor Caruana f'kumment li tani qalli " *jidher biċ-ċar li l-forom tal-uċuh tal-anġlu u l-Madonna, kif ukoll l-istil u l-modellatura ta' ħwejjigħom huma tipiċi tal-imsemmi statwarju Darmanin. Dan ifisser li ħarġu mill-bottega tiegħu. Bħala wieħed li ddomina x-xena tal-arti sagra popolari f'Malta sa mit-tieni nofs tas-seklu dsatax, l-influwenzi ta' Darmanin fuq il-gosti stilistiċi tal-poplu baqgħu jidwu anke wara mewtu. Għalhekk insibu min baqa' jdur għal statwi bl-istil tiegħu. Dawn bdew jiġu sodisfatti minn Giuseppe Cilia,* [14] *il-werriet uffiċċjali tal-bottega Darmanin u anke suċċessur tiegħu, kif ukoll minn Karmnu Mallia 'il-Lhudi' li jingħad li anke xtara xi forom mill-imsemmija bottega u baqa' jaħdem l-istatwi fuq l-istil ta' Karlu Darmanin."* [15]



*L-ewwel statwa tad-Duluri.*

Il-Kav. Rafel Bonniċi Cali' kiteb li Mallia kien jimita ħafna lil Darmanin u "*għalhekk ħa fama kbira għax kien jimita wkoll lil Darmanin fit-taqsim u t-tifsil tal-ilbies bil-piegi naturali li qishom tad-drapp."* [16]

## Taqbel mal-istil tax-xogħol ta' Karmnu Mallia

F'nota li kitibili s-Sur Victor Caruana qalli li stilistikament, l-istatwa taqbel ferm mat-tip ta' xogħol li Mallia kien jaħdem lejn it-tieni deċennju tas-seklu għoxrin. Qalli wkoll li *"iż-żieda tal-anġlu jżomm is-simbolu tal-passjoni mal-figura ċentrali tal-Madonna hija sinonima ma' dak li l-istatwarju kien qed jagħmel anke fi statwi oħrajn, fejn kien juża wkoll puttini. Dan narawh ukoll f'xogħolijiet oħra tal-istatwarju, fosthom "San Franġisk" (1919) li kien hemm fil-knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema, "Ir-Rebħa tal-Madonna fuq l-ereżija" (1922) li partijiet minnha jintramaw għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba u "l-Inkurunazzjoni tal-Madonna" (1923) għall-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba wkoll, fost oħrajn."*

Is-Sur Caruana spjegali wkoll li *"l-idea ta' anġli u puttini maġenb il-figuri prinċipali jew jittajjru fuq xi xena partikolari rappreżentata fil-kartapesta oriġinat mill-istil psewdo-Barokk tal-istatwarju Vincenzo Maria Cremona (1985-1912) li kien magħruf għar-rappreżentazzjonijiet kbar u movimentati li kien joħloq. It-tifel ta' Karmnu Mallia, Xandru, wkoll għamel użu minn figura ta' anġlu meta fost il-ftit vari li ħadem, għamel il-vara ta' Kristu Rxoxt għall-parroċċa tan-Naxxar (1946)."*

Id-daqs tal-vara tal-Madonna tad-Duluri huwa akbar mid-daqs ta' bniedem. Karlu Darmanin kien beda jkabbar il-vari tiegħu għal dan id-daqs lejn l-aħħar għoxrin sena tas-seklu dsatax u kienu jissejjħu 'kolossali'. Caruna qalli li dawn kienu *"jilħqu tul ta' tmien piedi u fost statwi ta' dan id-daqs insibu "Kostantinu l-Kbir" (1882) u l-"Allegoriji ta' Ruma u l-Fidi" li jintramaw f'Birkirkara għall-festa ta' Sant'Elena u "Ġuditta" għall-festa ta' Marija Bambina fin-Naxxar. Karmnu Mallia għamel użu minn din it-teknika ta' tkabbir ta' Darmanin jew uża l-forom b'dan id-daqs meta ġie biex għamel il-vara titulari ta' San Pawl il-Baħar."*

Il-qagħda tal-figura hija tipika tal-Madonna taħt dan it-titlu u li nsibuha f'bosta rappreżentazzjonijiet simili kemm Malta kif ukoll barra. Caruana jtenni li *"hija qagħda sinonima l-aktar ta' meta l-Madonna tkun murija waħedha, kif ippopolarizzata mill-istatwi ta' Lecce li kienu bdew jaslu Malta u li jidhru wkoll f'vari oħrajn tad-Duluri magħrufin bħala 'ta' Settembru'."* (17)



*L-istatwa tad-Duluri bl-Anġlu magħha kif ħarġet minn idejn Karmnu Mallia*



*L-istatwa titulari kif ħadimha Karmnu Mallia minn xaqliba differenti.*

Infatti f'Malta hawn tlett tipi ta' statwi tad-Duluri: dik tal-Madonna bil-qiegħda bis-salib vojt, sellum u liżar warajha. Biswit il-Madonna jkun hemm jew il-figura ta' anġlu jew San Ġwann; hemm dik tal-Madonna b'Ġesu' mejjet f'ħoġorha ; imbagħad hemm dik li turi l-Madonna bil-wieqfa bla salib u kultant insibhom indurati. Din it-tip ta' statwa kienet tintuża fil-purċissjoni ta' Settembru għax fl-imgħoddi kienu jsiru żewġ purċissjonijiet ewlenin tad-Duluri, dik li ssir qabel il-Ġimgħa l-Kbira u oħra għal nofs Settembru. L-istatwa tagħna tixbaħ dik tal-aħħar tip.

JC Camilleri jiddeskrivi l-istatwa tagħna hekk: *"l-istatwa fiha figura waħda. Din turi l-figura ta' Marija Addolorata bil-wieqfa. M'hemmx salib u lanqas xi sellum jew liżar. L-artist ma ħoloqx statwa tipikament ta' Settembru. Hu ried jagħmel xi ħaġa aktar. Daħħal ukoll il-figura tal-anġlu...Wiċċ il-Madonna hu wieħed mimli niket. Idejha jinsabu marbuta u l-ħarsa tagħha tinsab lejn is-sema. Il-figura fiha moviment sħiħ fil-waqgħa tal-ħwejjeġ li liebsa l-Madonna. Bejn l-idejn u sider il-Madonna hemm qalb tad-deheb. Din fiha seba' sjuf. Dawn jirrappreżentaw is-seba' duluri ta' Marija Santissima. Is-sieq tax-xellug tidher ħierġa 'l barra u dan joħloq ċertu moviment fl-istatwa."* [18]

Dwar l-anġlu li kellha magħha id-Duluri, Camilleri jikteb li l-anġlu kellu rabta mal-figura tal-Madonna u jżid: *"il-ħarsa tiegħu kienet lejn il-Madonna. Billi l-anġlu kellu f'idejh kuruna tax-xewk, l-istatwa kellha messaġġ li tieħdok fil-Passjoni tas-Sinjur Tagħna Ġesu' Kristu."* Skont Camilleri t-tneħħija tal-Anġlu minn mal-istatwa *"kienet daqqa l'isfel għall-istatwa"*. [19]

John Orlando u Renzo Gauci li f'idejhom kellhom ir-restawr tal-istatwa titulari fl-2005 stqarraw miegħi li mix-xogħol li għamlu fuq l-istatwa huma tal-fehma li din saret minn Karmnu Mallia u dan minħabba l-karatteristiċi stilistiċi tal-istatwa.

## F'liema sena saret?

Sal-1979 dejjem kien intqal u nkiteb li l-istatwa titulari hi tal-istatwarju Karlu Darmanin. Jista' jkun li kien jingħad hekk għax kienu jitfixkluha mall-ewwel statwa li kien hawn jew inkella max-xebħ simili ma' statwi oħra li kien għamel Darmanin. Naturalment wieħed kien jassumi wkoll li la għamilha Darmanin din kienet saret fil-bidu tat-twaqqif tal-parroċċa. Imma kif ġa rajna dan muhiex il-kaz.

Fl-imsemmija intervista li kont għamilt f'l-1980 lil Ġużeppa Micallef, kienet qatli li l-istatwa saret fi żmien il-Kappillan Patri Beneditt Ġużepp Cauchi fit-tieni darba li kien ġie maħtur Kappillan, bejn l-1911 u l-1926. Patri Cauchi kien ġa Kappillan bejn is-snin 1906-1910. [20]

Is-Sur Mario Coleiro, li hu ntiż ħafna fil-Festi Maltin, qalli li anke l-istatwa ta' Santa Venera, hi



L-istatwarju Giuseppe Cilia

xogħol ta' Karmnu Mallia u li kienu jgħidu li kienet ta' Darmanin. Huma kellhom diffikulta' wkoll f'liema sena din saret. Hu għamel tiftix intensiv fil-gazzetti taż-żmien biex isib xi tgħarif fuq din l-istatwa u kien ħafna attentent biex jara jekk jiltaqax ma' xi tagħrif dwar l-istatwa tagħna biex forsi dan ikun jista' jitfa' xi tgħarif fuq l-istatwa tagħhom. Hu qalli li ma sab l-ebda ħjiel fuq l-istatwa tagħhom u l-anqas fuq tagħna. Santa Venera stabilew li l-istatwa tagħhom kienet bdiet tinħadem fis-sena 1918 meta twaqqfet il-parroċċa. Fil-fatt huma għandhom ritratt li kien ippublikat fuq gazzetta tal-wasla tal-istatwa fl-1919 fil-parroċċa. (21) Kemm Coleiro kif ukoll Caruana kkonfermawli li ma' teżisti ebda firma ta' Karmnu Mallia fuq ix-xogħolijiet tiegħu.


L-Istatwarju Wisitin Camilleri

L-istatwa tal-parroċċa, Marija Addolorata wieqfa, bl-Anġlu magħha jikkonfortha, żgur li saret qabel l-1915. Dan għaliex għandna ritratt li juri din l-istatwa armata għall-festa u dan ir-ritratt juri wkoll li l-kwadri laterali tal-Preżentazzjoni u tad-Difna ta' Ġużeppi Cali' li kienu għadhom ma tlestwex. Infatti hemm il-gwarniċċuni tal-ġebel miżbugħa u post il-kwadri hu mgħotti b'purtiera. Issa dawn tlestew mill-pittur Cali' fl-1915.

Il-pittur Kavallier Rafel Bonniċi Cali' meta kiteb dwar Karmnu Mallia, qal hekk: *"fl-aħħar irnexxielu wkoll jaħdem statwi għall-purċissjonijiet tal-Knejjes fosthom id-Duluri għall-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar li magħha żied anġlu u ħarġitlu vera sabiħa tassew fl-1915."* Hu ħasra li Bonniċi Cali' ma jgħidilnix kif wasal għal dik id-data. (22)

Għalhekk naħseb li ma nkunux qed niżbaljaw jekk nistabbilixxu li l-istatwa titulari tagħna ta' Marija Addolorata nħadmet fl-1914. Qed inpoġġiha sena qabel ma' tlestew il-kwadri laterali minn Ġużeppi Cali'.
Karmnu Mallia kien diġa' ħadem l-istatwa ta' San Ġużepp għall-Parroċċa fl-1908 (23) u fl-1919, hu ħadem l-istatwa ta' San Pawl, statwa li kienet irnexxietlu ħafna wkoll. (24)

## Qalb u Stillarju

L-ewwel qalb b'seba' t'isjuf li kellha l-istatwa kienet tal-fidda ndurata bid-deħeb li kienet saret għall-ewwel statwa tad-Duluri li kellha l-parroċċa fl-1905. Din il-qalb kienet mogħtija minn Fortunatu Mizzi, kif tixhed il-kitba fuq wara tal-qalb. Minn fuq l-ewwel statwa ta' Karlu Darmanin.

għaddiet tintuża fuq it-tieni statwa titulari ta' Karmnu Mallia. Din baqgħet tintuża' sal-2005 meta b'tifkira taċ-ċentinarju tal-parroċċa saret qalb ġdida tad-deheb.

L-istillarju li hu materjal ta' metal indorat bid-deheb sar apposta fis-17 ta' Diċembru 1919 għall-istatwa preżenti u għadu jintuża sallum. Kien donazzjoni ta' Fortunato Mizzi u Emmanuel Camilleri kif tixhed il-kitba li hemm fuq wara tal-istillarju. [25]

## Restawr u tibdil fl-istatwa

Fi żmien Patri Antonju Formosa Kerr, [26] li kien Kappillan tal-parroċċa mill-1926 sal-1935, l-istatwa titulari sarilha tibdil kbir. Fl-1933 [27] l-istatwa ingħatat f'idejn l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri [28] biex tingħata dehra ġdida li tkun taqbel għaż-żmien ta' festa. Infatti tneħħilha l-Anġlu kbir li kellha magħha fuq il-lemin tagħha. [29] Minfloku Wistin ħadem erba' anġli għal fuq il-bankun. Fir-restawr li għamel, Wistin, qaxxar kompletament l-istatwa u żgraffja. Hu ta' lill-libsa kulur aktar skur milli kellha fl-oriġinal. L-induratura tal-istatwa kienet saret minn Ġużeppi Farrugia tal-Imdina. [30]



*In-Niċċa tal-injam li għal bosta snin kienet titqiegħed ġo fiha l-istatwa tad-Duluri. Tidher l-istatwa tal-Madonna ta' Pompej xogħol ta' Giuseppe Cilia*

Meta l-istatwa kienet lesta minn kollox, ġabuha Burmarrad u daħħluha għand Ġanni Agius ta' Kebbes. Minn għandu ġabuha l-Knisja Parrokkjali akkumpanjata mill-Banda "La Vittoria" tal-Mellieħa. [31]

## Tindif u Restawr ieħor

Fl-1988, fi żmien il-Kappillan P. Frankie Debono l-erba' anġli ta' fuq il-bradella ġew imnaddfa mill-induratur Horace Farruggia tal-Imdina, t-tifel ta' Ġużeppi Farrugia li kien indura l-istatwa fl-1933. Ġew ibbanjati mill-ġdid ukoll is-simboli li jżommu l-Anġli: l-palma, l-ġilju, l-kuruna tax-xewk u l-imsiemer. [32]

Fl-2005, fis-sena taċ-ċentinarju tal-parroċċa, fi żmien il-Kappillan Joseph Xerri [33] l-istatwa u l-anġli ġew restawrati mill-ġdid minn John Orlando u Renzo Gauci minn Ħal-Tarxien. Is-Sur Orlando qalli li strutturalment l-istatwa ma kellhiex ħsara. Kellha xaqq fuq in-naħa t'isfel imma ma kienx ta' ħsara għall-istruttura tal-istatwa. Sarilha t-tindif tal-induratura u ġiet indurata mill-ġdid il-faxxa li għandha tal-mant bassoriliev. Il-velu l-abjad li għandha madwar rasha ġie ndurat mill-ġdid fuq id-disinn li kien hemm. Il-kmiem u ċ-ċintorin ukoll ġew indurati mill-ġdid. Il-karnaġġjon



*L-istatwa tad-Duluri tal-Markiża Anna Bugeja fin-niċċa fis-sagristija*



*L-Anġlu li kellha magħha l-istatwa tad-Duluri fin-niċċa fil-Kappella tal-Kurċifiss.*

tal-Madonna u tal-Anġli ġie mpitter mill-ġdid. Il-ġwienaħ tal-erba' anġli ġew imnaddfa u ndurati. Sar ukoll l-irfinar mill-ġdid tal-idejn tal-Madonna billi kellhom akkumulazzjoni ta' żebgħa. Kemm l-istatwa kif ukoll l-Anġli ingħataw l-verniċċetta protettiva.

Saret il-forma tal-ġibs tal-idejn tad-Dulur biex il-brazzuletti li kienu jintlibbsu f'idejha jiġu rranġati ħalli joqgħodu tajjeb mal-idejn tal-istatwa. Saret ukoll qalb b'seba' t'isjuf ġdida tad-deheb bħala tifkira taċ-ċentinarju tal-parroċċa, li ħadet post il-qalb tal-fidda u ndurata bid-deheb li kellha qabel. Is-sandli ġie mnaddaf u saru fuqu żewġ fossos ġodda. Is-simboli tal-anġli ġew ibbanjati mill-ġdid u t-tlett imsiemer li jżomm wieħed mill-Angli saru ġodda. [34]

Il-Ħadd, 13 ta' Marzu 2005, l-istatwa inġiebet fil-garage ta' *Azzopardi Fisheries* u minn hemm it-tieħdet b'korteo sal-Knisja Parrokkjali. Fil-korteo ħadet sehem il-Banda San Pawl ta' San Pawl il-Baħar.

## Lejn is-Sena taċ-Ċentinarju

Naħseb ikun xieraq li niċċelebraw is-sena taċ-ċentinarju tal-istatwa titulari tagħna. Għalhekk wara li tgħaddi l-festa titulari ta' din is-sena, beħsiebni nwaqqaf kumitat biex iħejji programm

ta' ċelebrazzjonijiet fl-okkażżjoni taċ-ċentinjarju li jgħandhom siru bejn 2013 u 2014. Nittama li jkollna festi sbieħ li mhux biss ifakkru dan l-avveniment, imma wkoll li jkabbru d-devozzjoni tagħna lejn Marija Addolorata, Sultana tal-Martri.

***Referenzi***


1. Ara ritratt ippubblikat għall-ewwel darba minn P. Arthur Saliba OFMConv. fl-artiklu tiegħu *"L-ewwel festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar"* fil-Ktieb tal-Festa 2011 maħruġ mill-Kumitat tal-Festa f'isem il-parroċċa f'paġna 94.
2. Arkivju tal-Kunvent ta' San Pawl il-Baħar, Markiża Anna Bugeja, *"Spese per San Paolo a Mare"*. Fih insibu li l-Markiża ħallset għal Statwa tad-Duluri. Dwar il-Markiża Anna Bugeja ara Joseph Cilia OFMConv., *"Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar"*, Reliġjon u Ħajja, Storja 8, 1980, pp 9-13; ara wkoll l-artiklu ta' P. Cilia fir-rivista Pavlvs, maħruġa mill-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl, p.16, 1980, n.2.
3. P.F.S. (Patri Feliċ Sammut), *"Marija Addolorata Titular tal-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar."*, San Pawl il-Baħar, Leħen il-Parroċċa, n.7, Lulju-Settembru 1964, p.3. Dwar l-ewwel festa titulari ara wkoll l-artiklu msemmi fir-refernza numru 1.
4. Qabel ma mort bħala missjunarju fl-Indja, f'Marzu tal-1982, dawn iż-żewġ statwi tad-Duluri u ta' San Ġwann, kienu għadhom fil-maħżen tal-festa. Il-Madonna kellha wiċċha mfaqqa, filwaqt li San Ġwann kien għadu fi stat tajjeb ħafna. Meta ġejt Malta f'Diċembru 1983 għal xi jiem ma kontx rajthom aktar fil-maħżen u meta staqsejt għalihom kienu qaluli li tefgħuhom il-baħar biex jagħmlu l-wisa' fil-maħżen!
5. Meta tkabret il-Knisja Parrokkjali l-armarji bin-niċċa tad-Duluri tqiegħdu f'kamra fejn jintrefgħu l-affarijiet sakemm fl-2001 ittieħed kollox fil-Mużew Parrokkjali. Fl-2009, għamilt niċċa fl-armarju tan-naħa tat-twieqi tas-sagristija preżenti u qegħedt fiha l-istatwa tad-Duluri tal-Markiża. In-niċċa nħadmet mill-mastrudaxxa Anthony Falzon li joqgħod Buġibba. Tqiegħdu wkoll iż-żewġ vażuni kbar tal-albastru li kienu dejjem fin-niċċa mad-Duluri. Dawn gew restawrati u mnaddfa fl-2011 minn J.Abela. Taħt l-istatwa hemm miktub dan it-test ibbażat fuq l-iskrizzjoni li kellha taħtha qabel bit-Taljan: *"L-Eċċ u Rev.ma Mons. Pietru Pace D.D., Arċisqof u Isqof ta' Malta, b'digriet tad-19 ta' Jannar 1892, jagħti l-indulġenza ta' erbgħin jum lil min jgħid SALVE REĠINA b'qima quddiem din ix-xbieha, li kienet tal-Markiża Anna Bugeja."*
6. Patri Dumink Bonello kien Kappillan tal-Parroċċa bejn is-snin 1962-1963. Għamel ukoll diversi snin fil-komunita' tal-patrijiet ta' San Pawl il-Baħar.
7. Ara *"Dictionary of Maltese Biographies"*, Vol 11, pin, Malta 2009, p.1076.
8. Dan ir-rakkont ġie ppublikat għall-ewwel darba fil-ktieb tiegħi, *"Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar"*, Reliġjon u Ħajja, Storja 8, 1980, pp 50-51. Ara wkoll l-artiklu tiegħi fir-Rivista "Pavlvs", maħruġa mill-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl, San Pawl il-Baħar, "L-Istatwa u l-Festa tad-Duluri", pp 3-5, 1981, n. 6
9. Jien kont intervistajt lis-Sinjura Ġużeppa Micallef, it-Tlieta, 11 ta' Marzu 1980, fil-Librerija Louis Cutajar mmexxija mill-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl li kont għadni kif waqqaft u li dak iż-żmien kienet fil-kuritur tad-Duluri fil-Knisja Parrokkjali fejn qabel kellu l-Uffiċċju Parrokkjali l-Kappillan u llum dik il-kamra tintuża bħala *bookshop*.
10. Ara Alexander Bonnici OFMConv., *"San Pawl il-Baħar Parrocca f'ġieħ il-Madonna tad-Duluri"*, Reliġjon u Ħajja, Storja 33/169, 2005, pp 19-21. Sfortunatament f'dan il-ktieb hemm diversi żbalji oħra dwar dak li għandu x'jaqsam mal-Knisja Parrokkjali tagħna.
11. Ara l-*email* ta' Victor Caruana li bagħatli s-Sibt, 26 ta' Mejju 2012. Dan wara li kelli laqgħa miegħu fil-kunvent ta' San Pawl il-Baħar, il-Ħamis, 24 ta' Mejju 2012. Caruana għamel teżi ta' żewġ volumi fl-Universita' ta' Malta li għamel taħt is-supervizjoni tal-Professur Dr. Keith Sciberras bl-isem *"The Art of Papier-mache in Malta* Between the 19th and early 20th Centuries Technical and Art Historical Considerations".
12. Ara *"Dictionary of Maltese Biographies"*, Vol 1, pin, Malta 2009, p.661. Anke f'dan id-Dizjunarju minn kiteb fuq Darmanin, għamel l-iżball li attribwixxa l-istatwa lilu, jekk mhux jalludi għall-ewwel statwa tad-Duluri li kien hawn, li ma naħsibx. Kiteb ukoll li Darmanin għamel statwa tal-Kunċizzjoni għal San Pawl il-Baħar. Statwa li fil-parroċċa qatt ma eżistit. Xogħol ta' Darmanin fil-parroċċa għandna Bambin tal-Milied u statwa tal-Bambin wieqaf, imsejħa tal-Epifanija. Ara wkoll *"Karlu Darmanin il-Prinċep tal-Istatwarji Ħajtu u Ħidmietu"* ta' Stanley Mangio u Christopher Magro. Publikazzjoni tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, 2010, F'paġna 61 dawn jiktbu li l-istatwa tagħna tista' tkun tal-skola ta' Karlu Darmanin. Jiżbaljaw meta kitbu li din saret fl-1904.
13. Kav. Rafel Bonnici Cali', "Karmnu Mallia, "Il-Luħdi" – (1880-1930)", f'*Leħen is-Sewwa*, Is-Sibt, 2 ta'

Awissu, 1986.

14. Fl-2010, meta r-restawrajna l-istatwa tal-Madonna ta' Pompej, skoprejna li din kienet tal-istatwarju Giuseppe Cilia billi fir-restawr ħarġet pjanċa b'ismu fuqha. Din kienet ġiet restawrata minn Anthony Aquilina mill-Marsa u tqiegħdet in-naħa tal-kuritur ta' San Pawl, fejn hemm il-Konfessjunarji, fin-niċċa li qabel kienet titqiegħed l-istatwa tad-Duluri. Din in-niċċa kienet tniżżlet mill-Mużew Parrokkjali, bħalma kienet tniżżlet l-istatwa tal-Madonna ta' Pompej, u ġiet restawrata mill-mastrudaxxa Ċensu Formosa minn San Pawl il-Baħar, fl-2011.
15. Victor Caruana fl-*email* tas-26 ta' Mejju 2012. Dwar l-istatwa titulari, ara wkoll *"L-Istatwi Titulari u l-Istatwarji Tagħhom"* ta' Guido Lanfranco, Klabb Kotba Maltin, 1999, pp 36-37.
16. Kav. Rafel Bonnici Cali', op. Cit.
17. Victor Caruana fl-*email* tas-26 ta' Mejju 2012.
18. JC Camilleri, *"L-istatwa tad-Duluri – l-istatwa titulari ta' San Pawl il-Baħar"*, Mument, il-Ħadd, 28 ta' Marzu 2004, p. 20.
19. JC Camilleri, Ibid.
20. Ara nota numru 6.
21. Mario Coleiro fl-*emails* li kitibli fit- 22 ta' Mejju 2012 u fit-2 ta' Lulju 2012
22. Kav. Rafel Bonnici Cali', op. Cit.
23. Ara *email* mibgħut lili minn Patri Arthur Saliba OFMConv, it-Tlieta, 3 ta' Lulju 2012.
24. Ara l-artiklu ta' P.Arthur Saliba OFMConv., "L-istatwa ta' San Pawl fil-Knisja Parrokkjali tad-Duluri, "Leħen il-Parroċċa", San Pawl il-Baħar, n.847, Lulju-Sett, 2003, 29-30. Dan l-artiklu hu bbażat fuq dak li nkiteb fil-gazzetta "Malta Tagħna", "Statua ta' San Paul għal Parroċċa ta S. Paul il-Baħar", 19.07.1919, 3.
25. P. Alessandru Bonnici, fil-ktieb imsemmi, jikteb "L-eżistenza ta' l-istatwa hi konfermata mill-istellarju li jitqiegħed ma' ras il-Madonna. Dan l-istellarju ta' metall dorat, mhux biss għadu jeżisti, imma għadu wkoll jintuża sal-lum għalkemm sarulu xi varjazzjonijiet kif għad naraw. Fuq l-istellarju, insibu minquxin il-kelmiet Fortunato Mizzi: 1905." Naturalment mhu hekk xejn għax id-data li l-istellarju għandu mnaqqxa hi dik tal-1919 u hu mogħti minn Fortunato Mizzi flimkien ma' Emmanuel Camilleri.
26. Għal aktar tagħrif dwar P. Antonju Formosa Kerr, ara P. Joseph Cilia OFMConv., fir-rivista "Pavlvs", maħruġa mill-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl, San Pawl il-Baħar, p. 16, 1980, n. 1.
27. Meta sar ir-restawr tal-istatwa fl-2005, kien instab fuqha n-numru '33 li jirreferi għal meta Wistin Camilleri kien għamel tibdil u r-restawra l-istatwa fl-1933.
28. Aktar tagħrif fuq dan l-istatwarju li għex fir-Rabat, Għawdex bejn 1885 u 1979 ara *"Dictionary of Maltese Biographies"*, Vol 1, pin, Malta 2009, p.456. Fil-Knisja Parrokkjali għandna diversi xogħolijiet tiegħu, fosthom, lis-statwa ta' Sant'Antnin ta' Padova, l-Appostli tal-artal maġġur ta' żmien il-festa u l-Bambin tal-Milied mindud fuq blata. Kollha xogħol tal-kartapesta. Għandna wkoll diversi pasturi tat-tafal.
29. Fi żmien meta P. Samuel Chetcuti kien Kappillan ta' San Pawl il-Baħar (1974-1980) jien kont ħadt l-inizjattiva biex l-Anġlu li kellha magħha l-istatwa tad-Duluri jiġi restawrat u jitqiegħed f'niċċa fis-Sagristija l-antika. Infatti bil-barka u l-appoġġ tal-Kappillan hekk sar. Fl-1979 dan kien ġie restawrat minn P. Dumink Bonello u P. Sebastian Scicluna, u tqiegħed f'niċċa li ġiet irranġata għalih fejn qabel kien hemm il-kaxxarezzi tal-patrijiet. Ġie inawgurat mill-Kappillan, fil-quddiesa tas-Sibt, 15 ta' Diċembru 1979. Madwar l-Anġlu kont qegħdet it-tazzi li fl-antik kienu jingħataw lid-Duluri b'wegħdi. Fi żmien il-Kappillan P. Joseph Mamo (1999-2003), l-Anġlu u t-tazzi tneħħew minn niċċa u tqiegħdu fil-Mużew Parrokkjali li kien għadu kif infetaħ fit-28 ta' Lulju 2001, f'parti tal-ewwel kunvent li kellhom il-patrijiet madwar il-Knisja. Flok l-Anġlu fin-niċċa kienet tqiegħdet il-Madonna ta' Fatima u n-niċċa sarilha injam ġdid tal-kewba. Meta sirt Kappillan fl-2007 il-ħsieb tiegħi mill-ewwel kien li dan l-Anġlu jerġa jitqiegħed qrib l-istatwa tad-Duluri biex ikun jista' jitgawda minn kullħadd. Għalhekk, fl-2008, ġie restawrat minn Anthony Aquilina tal-Marsa u reġa' tqiegħed fin-niċċa li kien fiha qabel, fis-Sagristija l-antika wara n-niċċa tad-Duluri. Għal dan il-għan, l-injam tan-niċċa kellu jinħareġ ftit il-barra ħalli l-Anġlu jkun jista' joqgħod sew. Mall-Anġlu tqiegħdu żewġ vażuni antiki li kienu tal-Markiża Anna Bugeja u inħadmu diversi fjuri tal-monasteru għal ġo fihom.
30. Skont Fra Ludovik Busuttil, għal bosta snin wara li l-istatwa kienet ġiet restawrata minn Wistin Camilleri, dan kien jiġi kull sena qabel il-festa biex inaddafha u jirtokka fejn ikun hemm bżonn. Sakemm tlestitilha n-niċċa li għandha llum, l-istatwa tad-Duluri kienet tinżamm f'niċċa tal-injam ħdejn il-bieb iż-żgħir ta' barra n-naħa tal-kuritur li daż-żmien insejħulu "tad-Duluri". Għamlet ukoll żmien qasir fl-istess niċċa fis-Sala Parrokkjali meta din kienet tinuża bħala Knisja fl-aħħar fażi tat-tkabbir tal-Knisja Parrokkjali. Wara li

nfetħet il-Knisja mkabbra tqegħdet fl-istess niċċa fin-nofs tal-Knisja quddiem il-bieb fejn illum hemm il-fonti tal-magħmudija.

31. Intervista ma' Ġużeppa Micallef, op. cit.
32. Dwar il-parrokkat ta' P. Frankie Debono, Kappillan tal-parroċċa mill-1986 sa 1992 ara PAVLVS, rivista maħruġa mill-Istit Soċjo-Kulturali San Pawl, Numru 16, 2007, pp 31-34.
33. Kappillan tal-parroċċa mill-2003 sal-2007. Fiż-żmienu sar l-aħħar restawr tal-istatwa fl-2005.
34. Tkellimnt diversi drabi fuq dan is-suġġett kemm ma' John Orlando u Renzo Gauci. Rajt ukoll l-korrispondenza fuq dan is-suġġett fl-Arkivju tal-Kunvent ta' San Pawl il-Baħar bejn ir-restawraturi u l-Kappillan Xerri. Fuq dan is-suġġet tar-restawr tal-2005 ara wkoll l-artiklu ta' Kieth Muscat, fil-Ktieb tal-Festa tal-2005, pp 69-73.










